FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 21 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 954/01 AE**

**Carmel Jones**

**Vs**

**Francis Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm336), danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu tal-marka Mini Minor bin-numru ta' registrazzjoni HAA 023 f'habta li sehhet fil-11 ta' Mejju 2000 ma' xarabank numru EBY 509 u misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-istess konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 9) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fil-11 ta' Mejju 2000 sehh incident tat-traffiku gewwa Vjal Sir Paul Boffa, Rahal Gdid.

2. L-attur kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Mini Minor bin-numru HAA 023, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq xarabank bin-numru EBY 509.

3. Il-hsara fil-vettura misjuqa mill-attur tidher fir-ritratti CJ8 – CJ10. Skond ma qal il-pulizija li nvestiga l-kaz (PC 830 Chris Debono), *"hsara fix-xarabank hija fin-naha tax-xellug ta' quddiem skond kif indikat fl-iskizz"*. Dan huwa kkonfermat mill-konvenut innifsu (fol. 48).

4. Min-naha tieghu l-konvenut jinsisti li: *"jiena kont ghaddej mil-lane ta' barra. Dejjem kont bqajt ghaddej mil-lane tieghi"*. Mill-provi rrizulta li l-vettura misjuqa mill-attur kienet ghaddejja mill-karreggjata ta' gewwa.

5. Wara li t-Tribunal qies il-provi kollha li tressqu mill-kontendenti, huwa tal-fehma li l-incident sehh meta s-sewwieq tax-xarabank ittenta jaghmel manuvra biex jaqsam ghal karreggjata ta' gewwa. Dan huwa kkonfermat mill-iskizz li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 20), u li huwa xhud ndipendenti mill-partijiet. Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut m'hijiex verosimili. Regola kardinali ta' *lane discipline* hija dik li fil-passagg minn karreggjata ghall-ohra, is-sewwieq m'ghandux jikkaguna *"inconvenience or danger to the other vehicles"*. Ma tressqet l-ebda prova li l-konvenut ghamel xi sinjal li bih is-sewwieqa tal-vetturi l-ohra setghu gew avzati bil-manuvra li kien ser jaghmel. Dan apparti l-fatt li huwa maghruf li:

- Is-sinjali li tati persuna lil sewwieq iehor, ma jassolvu lil dan mid-dover tieghu li joqghod attent ghal utenti ohra tat-triq (ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **Pul vs J. Busuttil** u deicza fid-29 ta' Novembru 1958).

- Is-sinjali ghandhom isiru fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom (ara f'dan is-sens is-sentenza riportata fil-Volum XXIX.iv.558).

- Il-fatt li wiehed jixghel l-indicator ma jaghtihx id-dritt li jaghmel li jrid.

Fic-cirkostanzi, il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-incident. Il-kawza prossima ghall-incident kienet il-manuvra li biha l-konvenut ipprova jaqsam il-karreggjata li kien ghaddej minnha fil-hin ta' l-incident. Ma tressqet l-ebda prova li kien hemm x'htija kontributorja min-naha ta' l-attur.

6. Fir-rigward tad-danni rekalmati, dawn gew sodisfacentement ippruvati u t-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Mejju 2000 gewwa Vjal Sir Paul Boffa, Rahal Gdid, u konsegwentement jikkundannah ihallas is-somma ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm336), u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju 2000 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**